# MALTA BLACKBALL FEDERATION

# Regolamenti Ġenerali tal-Kompetizzjonijiet tat-Timijiet

# BLACKBALL RULES

## Staġun 2025-2026

kif approvat fil-Laqgħa tal-Klabbs tal-5 t' Awissu 2025

DEFINIZZJONIJIET

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Federazzjoni | Malta Blackball Federation. |
| 2. | Klabb | Membri bħal bars u każini li jirreġistraw timijiet ta' plejers. |
| 3. | Tim | Grupp ta' plejers li jikkompetu fil-kampjonati tat-timijiet. Tim jaqa' taħt il-klabb rispettiv tagħhom. |
| 4. | Plejer | Individwu rreġistrat biex jkun parti minn tim għall-istaġun. |
| 5. | Miżata | Din tkun forma ta' ħlas bħal *"registration fee"* / *"transfer fee"*. |
| 6. | Kumitat | Kumitat Eżekuttiv tal-Malta Blackball Federation |
| 7. | Segretarju | Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Federazzjoni (1). |
| 8. | Arloġġ | Regola li plejer ma jistax jaqbeż il-minuta biex jagħti l-kolp. |
| 9. | Sistema | Sistema tal-Federazzjoni tal-iskor (http://m8bf.eiicreative.com) |
| 10. | LĠA | Laqgħa Ġenerali Annwali. |

1. REGOLAMENTI TA' REĠISTRAZZJONIJIET TAL-KLABBS U PLEJERS
   a) Sabiex tiġi effetwata r-reġistazzjoni tas-sħubija, fil-bidu ta l-istagun kull klabb irid iħallas miżata ta €200, u depozitu ta €50 għal kull tim li jixtieq jirreġistra. Ir-reġistrazzjoni tkopri sa għaxar [10] pleyers għal kull tim, biex ikun jista' jieħu sehem fil-kompetizzjonijiet kollha li jsiru matul l-istaġun.
   b) Tim jista' jirreġistra sa mhux aktar minn tnax (12) il plejer. Meta tim jaqbeż għaxar (10) plejers, ikun irid iħallas tariffa separata ta €20 għal kull plejer.
   c) Tim jista' jirreġistra plejers fil-bidu tal-istaġun jew f'waħda mis-swieq tat-trasferimenti, skont kif tħabbar il-Federazzjoni matul is-sena. Jekk fil-bidu tal-istaġun, tim jirreġistra inqas minn għaxar plejers, dan jista' jirreġistra aktar plejers fis-suq tat-trasferimenti, dejjem skont artiklu 1b ta' dan id-dokument.
   d) Reġistrazzjoni ta' tim mal-Federazzjoni li ssir wara li jkun beda l-istaġun jista' jsir waqt wieħed mis-swieq tat-trasferimenti u jibda' jilgħab mill-ewwel logħba ta' wara dak is-suq. Il-miżata hija ta' €200, u depozitu ta €50 għal kull tim, sal-aħħar tal-istaġun.
   e) Biex jiġi rreġistrat plejer, trid timtela' l-Formola 'B' flimkien ma' kopja ċara u bil-kulur tal-kopja tal-Karta tal-Identità flimkien ma' ritratt ċar tal-passaport li jkunu riċenti u identiċi mar-ritratt tal-persuna fil-Karta tal-Identità.
   f) Isem kull tim li ser jirreġistra biex jikkompeti fil-kampjonati u tazzi nazzjonali tat-timijiet għandu jinkludi l-isem tal-belt jew raħal li ġej minnha.

2. REGOLAMENTI TA’ TRASFERIMENTI TA’ PLEJERS
   a) Kull trasferiment jiġi fis-seħħ meta tinħareġ l-approvazzjoni bil-miktub jew permezz ta’ imejl mis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Eżekuttiv tal-MBF.
   b) Jekk ma jkunx avżat mod ieħor mill-Kumitat, is-swieq ta’ trasferimenti huma dawn:
      1. Waqt it-Tazza tal-Milied – is-suq jiftaħ fl-ewwel logħba tal-ewwel rawnd u jagħlaq fil-ġurnata tal-aħħar finali.
   c) Trasferimenti ta’ plejers minn tim għal tim huma soġġetti għal miżata ta €20 flimkien mal-Formola ‘B’ tal-MBF mimlija mill-partijiet kollha: iż-żewġ klabbs u l-plejer.
   d) Plejer trasferit skont artikolu 2b ta’ dan id-dokument jista’ jibda’ jilgħab mat-tim il-ġdid mill-ewwel logħba ta’ wara s-suq tat-trasferimenti. Sal-aħħar tas-suq ikun għadu plejer tat-tim li se jitlaq minn miegħu.
   e) Trasferiment ta’ plejer għal ma’ tim ieħor mhumiex permessi jekk it-tim li sejjer miegħu il-plejer huwa ta’ diviżjoni iktar inferjuri minn dik li jilgħab magħha fil-preżent. Jekk per eżempju plejer jilgħab fit-tieni diviżjoni u jixtieq trasferiment, it-tim li sejjer miegħu ma jistax ikun wieħed mit-timjiet tat-tielet diviżjoni.

3. REGOLAMENTI TA’ RILAXX, XOLJIMENT, U RIŻENJI TA’ PLEJERS
   a) Kull rilaxx, xoljiment u riżenji jiġu fis-seħħ meta tinħareġ l-approvazzjoni bil-miktub jew permezz ta’ imejl mis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Eżekuttiv tal-MBF.
   b) Plejer jista’ jinħall mill-kuntratt mat-tim tiegħu preżenti u jissieħeb ma’ tim ieħor mingħajr il-kunsens tat-tim li kien miegħu matul l-istaġun. Biex it-trasferiment ikun validu, irid jilħaq dawn il-kriterji:
      1. Ma jkunx lagħab *‘frame’* fl-aħħar erba’ logħbiet ta’ qabel is-suq tat-trasferimenti.
      2. Timtela’ Formola ‘B’ ġdida flimkien ma’ miżata ta’ €50. Dawn iridu jinbagħtu lis-Segretarju matul is-suq tat-trasferimenti.
      3. Ma jistax jilgħab waqt is-suq tat-trasferimenti, inkella r-reġistrazzjoni tiġi invalida.
      4. Jibda’ jilgħab mat-tim il-ġdid mill-ewwel logħba ta’ wara s-suq tat-trasferimenti.
   c) Plejer li ma jixtieqx ikompli ma’ klabb jew mal-Federazzjoni mitlub jimla Formola ‘E’ li biha jkun qed jirreżenja mill-Federazzjoni u ma jistax jikkompeti f’kompetizzjonijiet tat-timijiet matul dak l-istaġun. Jekk ikun jixtieq jikkompeti f’kompetizzjonijiet individwali, il-plejer mitlub jimla

Formola 'B' flimkien ma' ħlas tal-miżata ta' €20 skont artikolu 4.1.b tal-MBF Statute.

d) Reġistrazzjoni ta' plejer tiġi awtomatikament xolta jekk il-plejer ma jkunx lagħab *'frame'* matul l-ewwel żewġ kompetizzjonijiet tal-istaġun. Il-plejer ikun jista' jissieħeb ma' klabb ieħor taħt dawn il-kriterji:
   1. Timtela' Formola 'B' ġdida flimkien ma' miżata ta' €20. Dawn iridu jinbagħtu lis-Segretarju matul is-suq tat-trasferimenti.
   2. Ma jistax jilgħab waqt is-suq tat-trasferimenti, inkella r-reġistrazzjoni tiġi invalida.
   3. Jibda' jilgħab mat-tim il-ġdid mill-ewwel logħba ta' wara s-suq tat-trasferimenti.

e) Jekk tim ixolji mill-istaġun, il-plejers għandhom dritt jingħaqdu ma' tim ieħor, jekk jissodisfaw dawn il-kriterji:
   1. Timtela' Formola 'B' ġdida flimkien ma' miżata ta' €20. Dawn iridu jinbagħtu lis-Segretarju matul is-suq tat-trasferimenti.
   2. Jimxi mal-kriterji ta' Artikolu 2d ta' dan id-dokument.
   3. Jekk it-tim ixolji qabel jispiċċa l-ewwel rawnd tal-kampjonat. Jekk ixolji wara, l-plejer ma jistax jissieħeb ma' klabb ieħor.
   4. It-tim ser jirreġistra miegħu irid ikun tal-istess diviżjoni jew diviżjoni aktar superjuri mit-tim li xolja.

4. REGOLAMENTI TA' PROMOZZJONIJIET, RELEGAZZJONIJIET, U SANZJONIJIET

a) Kull tim huwa fl-obbligu li jonora kull promozzjoni li jirbaħ u kull relegazzjoni li jsofri.

b) Il-klassifikazzjoni ta' kemm timijiet ta' fuq jieħdu l-promozzjoni u t'isfel jiġu relegati jiġi determinat mill-Kumitat qabel jibda l-istaġun.

c) F'każ li kampjonat jinvolvi playoffs u qabel il-playoffs ikun hemm timijiet b'punti ndaqs, it-tim li jkun ġab l-akbar ammont ta' punti fil-konfront ta' bejniethom jitqies bħala t-tim 'il fuq mill-ieħor fil-klassifika. Jekk xorta jkun hemm parità, tintlagħab logħba deċiżiva, fejn min jirbaħ jitqies bħala t-tim 'il fuq mill-ieħor fil-klassifika.

d) Biex tim ikun eliġibbli għall-premju ta' flus (*"prize money"*) li jkun rebaħ fl-aħħar tal-istaġun irid jonora l-promozzjoni. Il-premju jingħata wara li tintlagħab l-ewwel logħba fid-diviżjoni l-ġdida.

e) Jekk tim ma jonorax il-promozzjoni, dan irid jinżel fl-aħħar diviżjoni (dejjem skont il-kriterja tal-eliġġibilità) u ma jistax ikun kompost minn aktar minn tliet (3) plejers li rebħu dik il-promozzjoni.

f) Jekk tim jirtira matul l-istaġun, jitlef il-miżata li jkun ħallas tal-istaġun. Dan jingħata lura biss il-bilanċ li jkun fadal mid-depożitu.
g) Jekk tim ma jmurx għal-logħob, tingħata *'walkover'* u jeħel multa ta €20 li titnaqqas mid-depożitu li jkun ħallas mal-miżata tar-reġistrazzjoni fil-bidu tal-istaġun. Mat-tielet *'walkover'* it-tim jiġi sospiż immedjatament. L-istaġun ta' wara jiġi relegat diviżjoni waħda biex jekk il-*'walkovers'* tahom fid-diviżjoni Premier, l-istaġun ta' wara irid jilgħab fl-Ewwel Diviżjoni. Fil-każ ta' tim li ta l-*'walkovers'* fl-iżgħar diviżjoni u m'hemmx fejn jinżel, dan minflok ikun mitlub iħallas multa ta' €50 separatament mill-multi tat-tliet *'walkovers'*.
h) Kwalunkwe multa tat-timijiet titnaqqas mid-depożitu kif indikat f'Artikola 1a ta' dan id-dokument. Meta l-bilanċ jaqa' €0 jew inqas, it-tim ikun mitlub iħallas depożitu ieħor biex jkomplu jitnaqqsu multi oħrajn minnu. Qabel jitħallas id-depożitu, it-tim ma jistax jipparteċipa f'kompetizzjonijiet tal-Federazzjoni.

5. REGOLAMENTI TAL-KAMPJONATI

a) Il-finali ta' kull unur jew logħob deċiziv jintlagħbu f'post newtrali magħzul mill-Kumitat Eżekuttiv tal-MBF.
b) Kull reġistrazzjoni ta' tim ġdid tiġi uffiċjalment evalwata mill-kumitat tal-MBF u jekk dan ikun b'saħtu żżejjed għad-diviżjoni jista' ma jiġix aċċettat li jilgħab hemmhekk. Dan jista' jiċċaqlaq biex jew jilgħab f'liema kampjonat il-kumitat jara denju, inkella jkun mitlub jirregolarizza l-kwalità ta' plejers tiegħu biex jiġi konformi mal-livell tal-kampjonat li ser ikun qed jipparteċipa fih.
c) Fil-bidu tal-istaġun, jiġu mniżżla f'lista l-aqwa sittax-il plejer mir-Ranking List Nazzjonali tal-Irġiel li fiha jridu jinkludu t-Tim Nazzjonali tal-Irġiel li ntgħażel l-aħħar, kif ukoll it-Tim Nazzjonali tas-Seniors li ntagħżel l-aħħar. Din il-lista tkun tissejjaħ "Il-Lista tal-Kwota".
d) Timijiet fil-Kampjonat Premier ma jistax ikollhom aktar minn ħames (5) plejers irreġistrati li jkunu fil-"Lista tal-Kwota."
e) Timijiet fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni ma jistax ikollhom aktar minn ħames (5) plejers irreġistrati li jkunu fil-"Lista tal-Kwota."
f) Timijiet fil-Kampjonat tat-Tieni Diviżjoni ma jistax ikollhom aktar minn plejer wieħed (1) irreġistrat li jkun fil-"Lista tal-Kwota."
g) Timijiet fil-Kampjonat tat-Tielet Diviżjoni ma jistax ikollhom aktar minn plejer wieħed (1) irreġistrat li jkun fil-"Lista tal-Kwota."
h) L-ebda' tim ma jista jibdel id-dati tal-logħob (*"fixtures"*) mingħajr l-approvazzjoni tas-Segretarju, fejn dan għandu jkun infurmat mhux

aktar tard minn jumejn qabel id-data oriġinali tal-logħba. Tim li jkun irid jibdel id-data tal-logħob, irid jagħmel dan bil-kunsens miktub tal-kowċ tat-tim oppost, dejjem bl-approvazzjoni tas-Segretarju. Jekk is-segretarju ihoss li mhemx raguni valida ghandu d-dritt jirrifjuta li tinbidel id-data tal loghob.

6. REGOLAMENTI TAL-FORMAT TAL-KAMPJONATI
   a) Kampjonati tat-timijiet huma maqsuma f'erba' diviżjonijiet. Dawn huma li ġejjin flimkien mal-premjijiet assenjati ma' kull kompetizzjoni. Fejn m'hemmx indikat ifisser li m'hemmx premju ta' flus assenjat:
      1. Diviżjoni Premier
         1. L-ewwel post: €1000
         2. Tieni Post: €500
      2. L-Ewwel Diviżjoni
         1. L-ewwel post: €700
         2. Tieni Post: €300
      3. It-Tieni Diviżjoni
         1. L-ewwel post: €400
         2. Tieni Post: €200
      4. It-Tielet Diviżjoni
         1. L-ewwel post: €200
   b) It-Tazzi tat-timijiet huma maqsuma hekk:
      i. National Knockout (timijiet Premier)
      ii. Regional Knockout (timijiet tal-Ewwel u t-Tieni Diviżjoni)
      iii. Community Knockout (timijiet tat-Tielet Diviżjoni)
      iv. National Christmas Trophy (timijiet Premier)
      v. Regional Christmas Trophy (timijiet tal-Ewwel u t-Tieni Diviżjoni)
      vi. Community Christmas Trophy (timijiet tat-Tielet Diviżjoni)
      vii. National Easter Trophy (timijiet Premier)
      viii. Regional Easter Trophy (timijiet tal-Ewwel u t-Tieni Diviżjoni)
      ix. Community Easter Trophy (timijiet tat-Tielet Diviżjoni)
      x. Amateur Trophy (timijiet tat-Tielet Diviżjoni)
         1. Jikkwalifikaw għal dan it-trofew it-timijiet li jiġu it-tielet, ir-raba' u l-ħames tal-Community League Section A u Section B. Tar-raba jilgħabu kontra tal-ħames tas-sezzjoni opposta bir-rebbieħa jilgħabu kontra tat-tielet fis-semi finali. Il-partiti kollha ta' din il-kompetizzjonijiet jintlagħbu fuq leg wieħed f'post deċiż mill-Kumitat Eżekuttiv.
      xi. Federation Cup (timijiet Diviżjoni Premier)
         1. Ir-rebbieħ ta' din il-kompetizzjoni jirbaħ €1000.
         2. It-timijiet eliġibbli biex jikkompetu huma r-rebbieħa ta' 6ai u 6bi.

3. F’każ li jkun hemm tim li rebaħ iż-żewġ unuri, postu jittieħed mill-finalist ta’ 6ai.

xii. Super Cup (timijiet tal-Ewwel u t-Tieni Diviżjoni)

1. Ir-rebbieħ ta’ din il-kompetizzjoni jirbaħ €500
2. It-timijiet eliġibbli biex jikkompetu huma r-rebbieħa ta’ 6aii u 6bii.
3. F’każ li jkun hemm tim li rebaħ iż-żewġ unuri, postu jittieħed mill-finalist ta’ 6aii.

c) Sakemm ma jkunx avżat mod ieħor mill-Kumitat, il-kampjonati jintlagħbu abbażi tal-aqwa minn għoxrin (20) ‘frame’, u f’każ ta’ tazzi, dawn jintlagħbu abbażi tal-aqwa minn 40 ‘frame’, bl-ewwel għoxrin jintlagħbu għand it-tim li tela’ ‘home’ fil-polza, u l-kumplament għand it-tim ‘away’. F’każ ta’ parità, tintlagħab sessjoni oħra ta’ 5 frames. Il-final tintlagħab fuq għoxrin (20) frame u f’każ ta’ parità, tintlagħab sessjoni oħra ta’ 5 frames.

d) Il-Kampjonati u kompetizzjonijiet oħra jintlagħbu abbażi ta’ *“home”* u *“away”* fil-klabbs rispettivi tagħhom jew skont kif maħruġ mill-Kumitat u mill-Laqgħa tal-Klabbs li ssir wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali.

e) Fil-kampjonati, kull rebħa ssarraf fi tliet (3) punti, dro f’punt (1), u telfa f’xejn.

f) Diviżjoni jista’ jkollha aktar minn tim wieħed li ġej mill-istess klabb, iżda l-rekwiżit huwa li l-ewwel jilagħbu l-inkontri ta’ bejniethom. F’każ li kampjonat ikun maqsum f’aktar minn sezzjoni waħda u klabb ikollu żewġ timijiet jew aktar f’dik id-diviżjoni, l-ewwel u t-tieni tim iridu jitpoġġew f’sezzjonijiet separati u ma jiġux inklużi fil-polza li tiddetermina liem timijiet se jilgħabu f’liema sezzjoni. Dawn ikunu f’polza li titla qabel bejniethom li tiddetermina min minnhom se jmur f’liema sezzjoni. Jekk eżempju klabb għandu 2 timijiet tittella polza bejniethom biss li tiddetermina liem tim se jmur ġo sezzjoni u liem tim se jmur fis-sezzjoni l-oħra. Mhux permess li ż-żewġ timijiet jittellgħu fl-istess sezzjoni..

g) F’każ li d-Diviżjoni Premier ma tkunx komposta minn tal-inqas 6 timijiet, din trid tingħaqad mal-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni, fejn isir kif ġej. Il-Kumitat jilqa’ r-reġistazzjonijiet kollha tat-timijiet li ser jikkompetu fil-Premier u fl-Ewwel Diviżjoni u skont kemm ikun hemm timijiet li jaqbżu l-kwota ta’ tliet (3) plejers reġistrati li jkunu parti mil-“Lista tal-Kwota” (hawn ser tissejjaħ “il-kwota”), l-istess Kumitat jikklassifika kif it-timijiet jikkwalifikaw għall-playoffs. Eżempju: Jekk mit-timijiet kollha rreġsitrati jkun hemm tliet (3) timijiet li qabżu l-“kwota”, il-Kumitat iħabbar li l-aqwa tlieta fl-aħħar tal-lig tal-Premier u l-Ewwel Diviżjoni jgħaddu għall-playoffs tal-Premier, bl-ewwel jgħaddi għall-finali u t-tieni u t-tielet jgħaddu għas-semi finali. Ir-raba klassifikat

jgħaddi għall-finali tal-Ewwel Diviżjoni u ħames u s-sitt jgħaddu għas-semi finali.

7. REGOLAMENTI TEKNIĊI TAL-LOGĦOB
   a) Il-logħob tal-kampjonat jintlagħab fuq l-aħjar minn għoxrin (20) 'frame' maqsuma f'erba' sessjonijiet ta' ħames (5) 'frame' kull sessjoni. Biex tim jirbaħ il-partita jrid jirbaħ ħdax-il 'frame' u f'każ ta' parita 10-10 il-logħba tieqaf hemm. L-unika eċċezzjoni fejn il-logħba tkompli wara 10-10 huwa f'partiti deċiżivi u f'logħob finali, fejn f'dan il-każ tintlagħab sessjoni oħra ta' 5 frames.
   b) L-għoti tal-*'penalties'* jintlagħab billi t-timijiet jinnominaw ħames ismijiet kull wieħed mill-iskwadra tagħhom u jilegjaw biex jiġi deċiz minn jibda. Min jirbaħ il-*'legging'* jagħżel min jibda l-għoti tal-*'penalties'*. Il-boċċa l-bajda titpoġġa fuq jew wara l-*'baulk line'* u l-boċċa s-sewda titpoġġa fuq il-marka fejn tkun is-sewda meta l-boċċi jkunu *'racked'* qabel jinfetaħ *'frame'*. Jintlaghab kolp wieħed minn kull player u irid jippotja s-sewda f'wieħed mill-*'pockets'* ta' ħdejn l-ispot, jiġifieri l-*'pockets'* t'isfel. Jekk wara s-sessjoni ta' ħames kolpi kull tim ir-riżultat jibqa' ndaqs, il-boċċa l-bajda titpoġġa f'nofs il-*'baulk line'* u jerġa' jsir l-istess mil-istess ħames plejers. Jekk jibqaw f'parità, jitnaqsu żewg plejers minn kull tim, u jekk jibqgħu f'parità, jitnaqqsu żewg pleyers oħra. B'hekk jifdal biss plejer wieħed minn kull tim jagħti l-*'penalties'* u jibqgħu jagħmlu dan sakemm wieħed ifalli u l-ieħor jippotja legalment.
   c) Il-logħob tat-timijiet iridu jkunu irrefjati mill-plejers tal-iskwadra tat-tim b'mod alternat, jew minn xi membru tal-Federazzjoni. It-tim li jkun qed jilgħab *'home'* irid jippreżenta l-ewwel referee fuq il-mejda.
   d) Qabel kull *'frame'*, iż-żewġ plejers iridu jagħmlu '*legging'* skont ir-regolamenti tal-Blackball u min jirbaħ jagħżel jekk jagħtix l-ewwel kolp tal-*'frame'* jew le.
   e) Jekk tim ma jkollux erba' (4) plejers sal-aħħar sessjoni tal-logħba tingħatalu *'walkover'* u jeħel multa ta' €20.
   f) Meta 'frame' jintlagħab bl-arloġġ, il-plejer għandu massimu ta' sittin (60) sekonda biex jilgħab il-kolp. Malli l-ħin jinżel għal tletin (30) sekonda, ir-*'referee'* jew minn ikun qed jieħu ħsieb l-arloġġ javża verbalment u b'mod li jinstema' li fadal tletin (30) sekonda, anke jekk il-plejer ikun fuq il-kolp. Jekk jiskadu s-sittin (60) sekonda u l-plejer ikun għadu ma tax il-kolp, ir-*'referee'* jew minn ikun qed jieħu ħsieb l-arloġġ, jgħid verbalment u b'mod li jinstema *"time foul – free shot"* u juri l-arloġġ lill-plejer biex jikkonferma li skadielu il-hin.
   g) Biex il-partita tintlagħab mingħajr arloġġ irid isir ftehim bejn iż-żewġ timijiet qabel ma jibda l-ewwel 'frame' u dan il-ftehim jibqa' fis-seħħ

sal-aħħar tal-partita. It-tim oppost għandu kull dritt li ma jaċċettax din it-talba u f'każ li ma jkunx hemm qbil, il-partita trid tintlagħab bl-arloġġ.

h) L-arloġġ huwa fl-obbligu u fir-responsabbilta tat-tim li jkun qed jirrefja l-frame.

i) Kull ftehim li jsir fuq l-arloġġ irid ikollu l-kunsens u l-approvazzjoni tas-Segretarju, fejn dan għandu kull dritt li jirrifjuta kwalunkwe ftehim. F'dan il-każ, il-logħob isir bl-arloġġ.

j) Qabel ma jibda' l-logħob, il-kowċ tat-tim għandu jniżżel l-ewwel ħames plejers fuq is-sistema tal-MBF tal-iskor. Wara kull sezzjoni jistaghw isiru ZEWG sostituzzjonijiet. Il-pleyer li jigi sostitwit fit-tieni sezzjoni jista jerga jilghab fit-tielet jew fir-raba sezzjoni. It-tim li jaghmel zball fis-sostituzzjoni jitilef il-frame li jkun inbeda.

k) L-ispazju madwar il-mejda tal-pool irid ikun ta' daqs 72" x 36" (*'playing area'*).

8. REGOLAMENTI ĠENERALI OĦRAJN

a) Kull klabb irid jaħtar żewġ delegati li jkunu membri tal-Federazzjoni

b) Fil-LĠA id-delegati tal-klabbs iridu jkunu preżenti mill-bidu sal-aħħar tal-laqgha. F'każ li dan ma jsirx il-klabb jiġi mmultat €50 u jitnaqqsu tliet punti għal kull tim li jirreġistra dak l-istaġun.

c) Id-delegati msemmija f'8a jistgħu jiġu mgħajta sabiex jiffurmaw sotto-kumitat għall-protesti.

d) Jekk ma jkunx avżat mod ieħor mill-Kumitat, il-logħob ta' kull kompetizzjoni jibda' fis-7:30pm.

e) Tim għandu ċans ta' ħmistax-il (15) minuta fuq il-ħin (*'grace period'*) biex ikun preżenti għal-logħob u jibgħat l-ewwel plejer fuq il-mejda. Jekk jinqabeż dan il-perjodu, it-tim awtomatikament jiddikjara *'walkover'*.

f) Jekk klabb, tim, plejer jew membru ieħor jiġi mmultat u ma jħallasx il-multa fiż-żmien stipulat kif maħruġ lilu mill-Kumitat, dan jiġi sospiż milli jipparteċipa f'attivitajiet organizzati mill-MBF b'mod indefinit.

g) It-tim li qed jospita l-partita fil-klabb tiegħu irid jipprovdi l-logħob b'xejn. Mhux permess li jinżamm xi ħlas relatati mal-logħba. Dawn jinkludu u mhux limitati għal ħlas ta' entratura jew ħlas għall-użu tal-mejda.

h) Kull tim irid ikollu spazju ta' mhux anqas minn erba' piedi u nofs madwar il-mejda tal-pool.

i) Waqt il-ħin tal-kompetizzjoni, ħsejjes (bħal televiżjoni u radio) li jkunu fl-istess kamra għandhom joperaw b'volum baxx. Ħnejja jew arkata tiġi kkunsidrata bħala parti minn kamra oħra.

j) Fuq kull mejda tal-pool irid ikun hemm dawl adekwat li jkun aċċettabli għall-Kumitat.

k) Waqt il-kompetizzjoni, il-tim li jkun qed jospita l-partita għandu jkollu r-regolamenti tal-logħba (Blackball Rules) għad-dispożizzjoni taż-żewġ timijiet. Jekk it-tim oppost ma jingħatax kopja tar-regoli waqt il-logħba, it-tim li qed jospita jiġi mmultat €15.

l) Klabb jista' jorganizza kompetizzjonijiet bir-regoli Blackball wara li jitlob permess bil-miktub mingħand is-Segretarju. Jekk is-Segretarju jagħti l-approvazzjoni tiegħu, il-kompetizzjoni tista' ssir, biss jekk l-approvazzjoni ma toħroġx il-kompetizzjoni ssir xorta, il-klabb jiġi mmultat €50.

m) L-ebda plejer ma jista' jieħu sehem f'kompetizzjonjiet Blackball li ma jkollhomx l-approvazzjoni tal-MBF. Plejer li jinqabdu jagħmlu dan jistgħu jiġu mmultati u/jew sospiżi.

n) L-ebda klabb, tim jew plejer ma jista' jibgħat ittri jew avviżi relatati mal-MBF jew mal-logħba tal-Blackball lokali lill-mezzi tal-media, awtoritajiet jew dipartimenti Governattivi mingħajr l-approvazzjoni tal-Kumitat. Min jinqabad jagħmel dan b'mod irregolari jiġi sospiż immedjatament mill-MBF.

o) Timijiet li jinqabdu jimmanipulaw riżultat jiġu sospiżi mill-MBF b'mod immedjat sal-aħħar tal-istaġun, jiġu relegati għall-iżgħar diviżjoni u mmultati €50.

p) Membri tal-Kumitat iridu jkunu awtorizzati mill-President biex jispezzjonaw fi klabbs għal xi abbuż.

q) Jekk membru jkun skedat biex jidher quddiem u dan ma jagħmlux fi żmien ġurnata mingħajr raġuni valida jista' jiġi mmultat u/jew sospiż.

r) F'każ li żewġ timijiet jaqblu bejniethom li jitolbu referee newtrali, dawn iridu jagħmlu rikjesta lill-Kumitat. Jekk il-Kumitat jilqa' din ir-rikjeta, irid jibgħat referee tal-għażla tiegħu. It-timijiet iridu jħalsu miżata ta' €40 li titħallas għar-referee. Ir-rikjesta trid issir lill-Kumitat sa mhux anqas minn jumejn qabel il-partita.

s) Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju tal-Federazzjoni fl-indirizz elettroniku blackballmalta@gmail.com jew indirizz postali "Malta Blackball Federation, Juventus Club Vero Amore, Triq Madre Theresa Spinelli, Birkirkara"

t) Kull plejer li ser jilgħab kompetizzjoni tat-timijiet għandu jilbes polo shirt uniformi għal dik ta' sħabu tat-tim, bil-flokk ikun irid jesebixxi l-logo tal-MBF. Jekk dawn il-kriterji ma jitlaħqux, il-plejer mhux permess li jilgħab il-*frame*. Meta partita tkun waħda ta' finali, il-plejer huwa obbligat li jilbes *full dress*, jiġifieri apparti l-flokk tat-tim ikun irid jilbes ukoll qalziet pulit u zarbun tal-istess kulur, liem kulur huwa uniformi għall-kumplament tat-tim.

u) Fil-bidu tal-istaġun, il-Kumitat Eżekuttiv jikkomunika mad-delegati il-lista ta' persuni li huma sospiżi minn attivitajiet tal-Malta Blackball Federation, hawn imsejħa "persuni non grata". Dawn il-"persuni non grata" mhumiex permessi li jkunu preżenti waqt attivitajiet tal-Federazzjoni inkluż il-logħob kollu tat-timijiet. F'każ li "persuna non grata" tattendi fi klabb waqt attivita tal-Federazzjoni, id-delegat jew membru ta' dak il-klabb huwa obbligat li jinforma lis-Segretarju li hemm din il-persuna preżenti u s-Segretarju jew Membru tal-Kumitat Eżekuttiv jikkomunika mal-persuna non grata sabiex toħroġ mill-klabb. Sakemm jiġri dan, il-logħob li hemm għaddej irid jieqaf minnufih u f'każ li jkompli, ir-riżultat jiġi null. F'każ li l-persuna non grata tirreżisti li toħroġ mill-klabb, il-Membru tal-Kumitat fid-dmir li jinforma lill-Pulizija u l-persuna tinħareġ mill-Pulizija. Malli l-persuna non grata toħroġ mill-klabb, sew jekk bil-volonta tagħha jew bil-forza, il-logħob jista' jkompli b'mod validu.

v) Jekk xi tim jew iż-żewġ timijiet ma jistgħux jilgħabu partita fid-data oriġinali li ħareġ il-Kumitat Eżekuttiv u jixtiequ ibiddlu l-ġurnata, dan għandu jsir biss kif ġej:
    1. It-tim li jixtieq iressaq il-partita jibgħat bil-miktub lit-tim oppost u jipproponi ġurnata ġdida, liema ġurnata ma tistax tkun aktar tard mill-partita li jmiss.
    2. Jekk it-tim oppost jirrifjuta, tibqa' fis-seħħ id-data oriġinali.
    3. Jekk it-tim oppost jaċċetta, dan irid jikkomunika lura li aċċetta d-data l-ġdida bil-miktub u din il-kitba għandha tintbagħat bħala prova miż-żewġ timijiet lis-Segretarju sa mhux aktar tard minn 30 minuta qabel il-ħin li suppost tibda l-partita fid-data oriġinali
    4. Id-data tinbidel biss jekk is-Segretarju jikkomunika lura liż-żewġ timijiet li qed jaċċetta d-data l-ġdida, liema deċiżjoni hija kompletament fid-diskrezzjoni tiegħu, għan-nom tal-Kumitat Eżekuttiv. F'każ li s-Segretarju għandu kunflitt ta' interess

għaliex huwa membru ta' wieħed miż-żewġ klabbs, dan għandu jinfurmahom sabiex jikkuntatjaw lill-President u l-President, bil-kunsens tal-Kumitat Eżekuttiv fil-maġġorparti tiegħu jibgħat lura xi jkun iddeċieda l-istess Kumitat.

5. Jekk id-data l-ġdida tiġi aċċettata u din il-proċedura tiġi segwita kif supra indikat, din issa tiġi id-data orġinali u biex terġa tinbidel trid tiġi segwita l-istess proċedura inkella ma tistax tinbidel.
6. Jekk din il-proċedura ma tiġix segwita u l-partita ma tintlagħabx fid-data oriġinali, ir-riżultat jiġi null, il-partita tintilef u l-ebda tim ma jieħu punt, u multa ta' €20 tinħareġ għal kull klabb.

9. REGOLAMENTI TAL-PROTESTI

a) Kull klabb, tim jew membru għandu dritt jagħmel protest jekk iħoss li kien hemm xi irregolaritajiet waqt partita. Dan għandu jsir sa mhux aktar tard minn 48 siegħa minn tmiem il-partita.
b) Biex il-protest jitressaq, trid tintbagħat ittra bil-miktub skont Artikolu 8s ta' dan id-dokument flimkien ma' ħlas ta' €100. Is-Segretarju irid jiġi kkuntatja ukoll fuq it-telefon ċellulari tiegħu minħabba l-inkonvenjent tal-posta. F'każ li l-protest jintrebaħ mir-rikorrent, il-ħlas tal-protest jiġi rimborżat.
c) Il-Kumitat irid jaħtar sotto-kumitat biex jisma' l-protest. Dan irid ikun kompost minn membru tal-Kumitat Eżekuttiv (li jservi ta' President għas-sotto-kumitat) u ħames delegati (wieħed minn kull klabb) li jkunu newtrali. Wara li jiddelibera il-protest, il-President tas-sotto-kumitat irid jibgħat rapport lill-Kumitat Eżekuttiv bid-deċiżjoni li jkun ħa, ffirmat mis-sitt membri tal-bord. Fi żmien qasir, il-Kumitat Eżekuttiv irid jinforma bil-miktub liż-żewġ partijiet bl-eżitu tal-protest.

10. REGOLAMENTI TAL-APPELLI

a) Kull klabb, tim jew membru għandu dritt jagħmel appell jekk ma jaqbilx mad-deċiżjoni ta' protest meħuda mis-sotto-kumitat rispettiv jew minn xi deċiżjoni oħra meħuda mill-Kumitat Eżekuttiv. Dan għandu jsir sa mhux aktar tard minn 48 siegħa minn meta ssir il-komunikazzjoni tad-deċiżjoni.
b) Biex l-appell jitressaq, trid tintbagħat ittra bil-miktub skont Artikolu 8s ta' dan id-dokument flimkien ma' ħlas ta' €150. Is-Segretarju irid jiġi

kkuntatja ukoll fuq it-telefon ċellulari tiegħu minħabba l-inkonvenjent tal-posta. F'każ li l-appell jintrebaħ mir-rikorrent, il-ħlas tal-appell jiġi rimborżat.

c) F'każ li l-appell isir fuq deċiżjoni tas-sotto-kumitat tal-protesti, is-smigħ isir quddiem il-Kumitat Eżekuttiv u d-deċiżjoni li tittieħed tkun finali.
d) F'każ li l-appell isir fuq deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv, dan tal-aħħar irid jaħtar bord skont Artikolu 15 tal-MBF Statut u d-deċiżjoni li tittieħed tkun finali.
e) Deċiżjonijiiet li jittieħdu fil-fażi tal-appell huma finali u ma jistgħux jiġu appellati.